# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' ĠUNJU 2019**

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Kost. Nru 85/2017 RGM**

**Mark Formosa**
**(K.I. 0327891 M)**

**vs.**

**Avukat Ġenerali**

## Il-Qorti:

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors ta' Mark Formosa** ppreżentat fis-17 t'Ottubru, 2017 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi permezz ta' ittra datata 27 ta' Lulju 2017 mibghuta mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru intimat, s-Sur John Borg, l-esponenti gie infurmat li huwa gie sospiz mill-ezercizzju tas-setghat u tal-funzjonijiet tal-kariga tieghu b'effett immedjat ai termini tar-regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina u dana peress li skont l-istess Segretarju Permanenti huwa kien jinsab infurmat li l-esponenti kien qieghed jigi investigat mill-Pulizija. L-esponenti gie ukoll infurmat li matul il-perjodu tas-sospensjoni tieghu huwa ghandu jircievi nofs is-salarju tieghu.

2. Illi l-esponenti jirribatti bis-shih kwalunkwe allegazzjonijiet li setghu saru fil-konfront tieghu u jqishom bhala fiergha. Huwa jinnega li b'xi mod aggixxa kontra l-ligi fil-qadi ta' dmirijietu.

3. Illi l-azzjoni mehuda fil-konfront tal-esponenti qed toħloq preġudizzju irrimedjabbli kontrih u qed titfha piż sproporzjonat fuqu. L-esponent ghandu familja xi jmantni kif ukoll impenji finanzjari ohra li jrid jsostni.

4. Illi d-decizjoni tas-Segretarju Permanenti tmur kontra l-principju baziliari tal-prezunzjoni ta' innocenza. L-esponenti qieghed jigi kkastigat u mgieghel jsofri konsegwenzi minghajr ebda sejbien ta' htija. A fortiori l-azzjoni mehuda fil-konfront tal-esponenti lanqas ma hija imsejsa fuq xi ombra ta' provi u lanqas tezisti bazi ta' prima facia li tindika xi nuqqasijiet daparti tieghu, imma hija msejsa fuq suppost investigazzjoni li qed issir – mhux fil-konfront tieghu izda b'mod in generali fuq l-agir tal-Ministeru ghal Ghawdex mis-sena 2004 'l hawn.

5. Illi s-sospensjoni tal-esponenti ghamlet u qed tkompli taghmel hsara ghar-reputazzjoni tieghu.

6. Illi l-azzjoni surreferita tilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatament id-drittijiet sanciti taht l-Artikoli 3,6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u tal-Kapitolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

7. Illi l-agir tas-Segretarju Permanenti inkwantu huwa konformi mal-Ligi u cioe` mar-Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku jista' jkun legali izda jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u fi kwalunkwe kaz u finalment ir-Regolamenti 13 et. Seq. tar-regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku huwa antikostituzzjonali u jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li s-sospensjoni tal-esponenti mil-ezercizzju tas-setghat u tal-funzjonijiet tal-kariga tieghu kif ukoll it-tnaqqis tas-salarju bin-nofs hekk kif fuq spjegat inkwantu tali azzjoni qeghda ssir skont ir-Regolamenti 13 et. Seq. Tar-Regolamenti tal-Procedura ta’ Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk l-istess Regolamenti jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif sanciti mil-Artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u Libertajiet u tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta; u

2. Konsegwentament tipprovdi rimedju.

Bl-ispejjes.

Rat **ir-risposta tal-Avukat Ġenerali** pprezentata fl-31 t’Otttubru, 2017 fejn ingħad kif ġej:

1. Illi r-rikorrent qieghed jallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu ghaliex gie sospiz mil-kariga tieghu ta` direttur fil-Ministeru ghall-Ghawdex minhabba investigazzjoni li ghadha ghadejja minn naha tal-pulizija u li dan qieghed jikkawza diffikultajiet fil-hajja tieghu peress li qieghed b`nofs paga. Ir-rikorrent qieghed jinvoka ksur tal-artikolu 36 u 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li, kif ser jigi spjegat aktar ‘l isfel, l-ebda agir ta’ l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

3. Illi jinghad minnufih li r-Regolamenti tal-Procedura ta` Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jaghmluha cara li l-Kap tad-Dipartiment, f`dan il-kaz is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Ghawdex, ghandu s-setgha jissospendi ufficjal pubbliku li jkun qieghed jigi investigat mil-pulizija in konnessjoni ma akkuzi kriminali u dan fl-interess pubbliku. Ufficjal pubbliku li jkun sospiz mix-xoghol huwa intitolat mil-ligi biex jiehu nofs is-salarju li jiehu s-soltu. Fil-kaz odjern is-Segretarju Permanenti gie infurmat mil-pulizija li qed jinvestigaw ufficjali li jahdmu fil-Ministeru ghall-Ghawdex fosthom ir-rikorrenti tant li ottjenew mandat ta` tfittixja mill-Magistrat Inkwirenti proprju sabiex ifittxu u jelevaw oggetti u materjal li jista jkun relevanti ghall-investigazzjoni. Affaccjat b`dan kollu s-Segretarju Permanenti iddecieda li jezercita d-diskrezzjoni moghtija lilu mil-ligi sabiex pendenti l-investigazzjoni jissospendi t-tliet ufficjali li kienu qed

jigu investigati u dan anke fuq rakomandazzjoni mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (PSC).

4. Tajjeb li jigi mfakkar li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent u cioe` li jiehu nofs il-paga biss waqt li jkun sospiz mix-xoghol, hija effettivament mizura ikkontemplata mir-Regolamenti tal-Procedura ta` Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-hsieb wara mizura bhal din hija proprju sabiex l-Istat jikkawtela ruhu f`sitwazzjoni fejn persuna tkun qed tigi investigata jew akkuzata b`reat kriminali u allura tkun giet sospiza mix-xoghol sakemm il-proceduri kriminali ikunu konkluzi.

5. Ma jaghmilx sens li persuna li ma tidholx ghax-xoghol ghax-sospiza tibqa tiehu l-istess paga daqs li kieku qed tidhol ghax-xoghol. Meta l-investigazzjoni tkun konkluza r-rikorrent ikun eligibbli li jiehu n-nofa paga li tkun inzammet waqt is-sospensjoni.

***Ebda lezjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni***

6. Illi l-esponent jirrilevaw li dan huwa ilment assurd jekk mhux malafamanti.

7. Tajjeb li wiehed ifakkar li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering". It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" – kaz "Tekin v. Turkey", deciz fid-9 ta' Gunju, 1998. Ghar-rigward ta' trattament degredanti dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta` taghha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu.

8. Illi l-protezzjoni ghad-drittijet fundamentali hija kontra trattament fost affarijet ohra premeditat, li jikkawza tbatija fizika u mentali, u <u>trattament intenzjonat u apposta</u> li johloq biza, twerwir, angoxxa ecc <u>bil-ghan specifiku</u> li jumilja u jiddegrada lid-dinjita' tal-persuna.

9. Illi fid-dawl ta' dan qatt ma jista' jinstab minn din l-Onorabbli Qorti li fil-każ odjern sar xi agir li jista' jitqies li jammonta ghal dan it-tip ta' trattament u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandiex issib ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

10. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

***L-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.***

11. Illi kemm l-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni m`humiex applikabbli fil-kaz tar-rikorrent u dan ghaliex r-rikorrent m`huwiex akkuzat b`reat kriminali u lanqas m`hemm proceduri quddiem Qorti jew Tribunal fejn iridu jigu decizi d-drittijiet civili tar-rikorrent. Kif diga inghad s-sospensjoni mix-xoghol hija mizura kawtelatorja u fil-prezent ma ttiehdet l-ebda azzjoni kriminali fil-konfront tar-rikorrent.

12. Illi fi kwalunkwe kaz l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax ruhu fl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali citati minnu. Illi l-esponent jirrileva li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema’ minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu;

***L-ebda ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea***

13. Din il-lanjanza hija wahda frivola u vessatorja ghaliex r-rikorrent ma kien suggett ghall-ebda azzjoni kriminali u wisq inqas ma giet imposta xi piena fuqu u ghalhekk huwa inspjegabbli kif ir-rikorrent qed jallega vjolazzjoni tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża inkluż l-atti kollha tal-*interim measure* u d-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fl-14 ta’ Diċembru 2017;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fil-11 t'April 2019 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Avukat Ġenerali ppreżentata fis-6 ta' Mejju 2019

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Provi.**

Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti tal-kawża huma s-segwenti.

Fis-27 ta' Lulju 2017, is-Segretarju Permanenti għall-Ministeru t'Għawdex ġie infurmat mill-Pulizija li qed issir investigazzjoni fuq id-Dipartiment tal-Proġetti fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex. L-imsemmi Segretarju Permanenti sejjaħ lill-uffiċċjali li kienu responsabbli mit-tenders tat-toroq u dan fuq l-istruzzjoni tal-Pulizija, inkluż għalhekk ir-rikorrent li kien id-Direttur tat-Toroq u Proġetti dak iż-żmien fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex. Jirriżulta li r-rikorrent kien bil-*leave* dak inhar iżda għamel lilu nnifsu disponibbli u mar l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fejn ġie infurmat, flimkien maż-żewġ uffiċċjali l-oħra, li kienu qegħdin isiru xi investigazzjonijiet immexxija minn Maġistrat u li xtaqu jkellmuhom u li ser ifittxu fl-uffiċċju tagħhom kif ukoll fid-djar tagħhom.

Fis-27 ta' Lulju, 2017 l-Kap tad-Dipartiment u ċioe is-Segretarju Permanenti, wara li ħa pariri interni, issospenda lir-rikorrent u ż-żewġ uffiċċjali l-oħra u dan ai termini tar-Regolament 13 (4) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S.Kost.03). Din is-sospensjoni kienet waħda prekawzjonarja stante li skont il-Kap tad-Dipartiment ir-rikorrent kien qiegħed jiġi investigat. Ir-rikorrent ġie informat b'din is-sospensjoni permezz ta' ittra datata 27 ta' Lulju 2017.[1] Fl-istess ittra ġie informat li matul il-perjodu tas-sospensjoni huwa kien ser jirċievi nofs is-salarju tiegħu u f'każ li s-sospensjoni prekawzjonarja ma tiġix awtorizzata huwa jerġa' jkun msejjaħ għax-xogħol u jingħata s-salarju li nżammlu matul il-perjodu tas-sospensjoni.

Illi s-sospensjoni mis-Segretarju Permanenti kellha tiġi awtorizzata mill-Prim Ministru u dan wara li dan tal-aħħar jkun irċieva r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ġara fil-fatt li s-Segretarju Permanenti permezz ta' ittra wkoll datata 27 ta' Lulju 2017, informa lill-Kummissjoni li huwa 'summarily suspended Mr. Mark Formosa' u r-rakkomanda lill-Kumissjoni li Mark Formosa għandu jkun sospiż bħala

[1] Paġna 30 tal-proċess rigwardanti l-*interim measure* (Rik Nru 85/2017/1 JPG).

miżura prekawzjonali ġialadarba huwa qiegħed jiġi investigat mill-Pulizija ‘in connection with alleged irregularities in the carrying out of his duties’. Huwa spjega li kien wasal għal din ir-rakkomandazzjoni wara li ħa in konsiderazzjoni s-segwenti:

*a. The correlation between the investigation and the officer's duties;*
*b. The officer would be placed in a conflict of interest as a result of the allegations made against him, if he continues to perform his duties;*
*c. Other members of staff or general public would be put at risk, if the officer continues to perform his duties;*
*d. The officer would be in a position to tamper with any evidence in the Department's possession and/or any witnesses in the case might be subject to influence or intimidation, if the officer continues to report for his duties;*
*e. The necessity to uphold public confidence in the Department which is particularly sensitive to such public confidence'.*[2]

Illi b'ittra tat-3 t'Awwissu 2017, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bagħtet ir-rakkomandazzjoni tagħha lil Prim Ministru fis-sens illi ‘Mark Formosa, Director (Projects and Development), Ministry for Gozo, be suspended for precautionary purposes from the powers and functions of his office'.[3] Minn din l-istess ittra jirriżulta fil-fatt li l-Onorevoli Prim Ministru iffirma din ir-rakkomandazzjoni fil-21 t'Awwissu 2017 u ġiet ritornata lill-imsemmija Kummissjoni fid-29 t'Awwissu 2017.

Fis-17 ta' Ottubru 2017 ir-rikorrent intavola r-rikors kostituzzjonali li ta bidu għal dawn il-proċeduri.

Illi mix-xhieda ta' Josephine Attard mogħtija fis-27 ta' Novembru 2017[4] ġie spjegat li l-Kummissjoni stabbilixxiet *policy* ‘li jekk persuna tkun investigata u jgħaddi ħafna żmien u l-akkuża ma toħroġx, pereżempju tagħti tliet xhur żmien u ma toħroġx l-akkuża, tista titlob li l-persuna terġa' tidħol lura għax-xogħol. Titlob lil Permanent Secretary biex jikkonsidra li jerġa' jdaħħlu lura għax-xogħol'. Dak li ġara fil-każ odjern, fejn fil-15 ta' Diċembru 2017, u cioe' xahrejn wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna u ħames xhur wara li r-rikorrent kien ġie sospiż b'mod prekawzjonarju, il-Kummissjoni bgħatet tinforma lis-Segretarju Permanenti li minn stħarriġ li għamlet irriżulta li l-Inkjesta Maġisterjali għada għaddejja u li ma ħarġu l-ebda akkużi kontra r-rikorrent. Kien għalhekk li bagħtet tinformah li ‘if, within one month, no formal charges are brought against the officers concerned, the precautionary

[2] Paġna 29 tal-proċess rigwardanti l-*interim measure* (Rik Nru 85/2017/1 JPG).
[3] Paġna 31 tal-proċess rigwardanti l-*interim measure* (Rik Nru 85/2017/1 JPG).
[4] Paġna 22 tal-proċess rigwardanti l-*interim measure* (Rik Nru 85/2017/1 JPG).

suspension will be lifted without prejudice to it being re-imposed if charges would be formally brought against them at a later date.'[5]

Illi permezz ta' posta elettronika datata 5 ta' Jannar 2018 is-Segretarju Permanenti bagħat ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni sabiex ir-rikorrent jiġi *deployed* għal Kulleġġ t'Għawdex fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni.[6] Fil-11 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni għaddiet ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru.[7] Għalkemm ma hemmx firem fuq din l-aħħar ittra, mix-xhieda mogħtija minn Charmaine Bartolo, Assistent Direttur (*People and Standards Division*) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ikkonfermat fix-xhieda tagħha tas-6 ta' Frar 2018[8] li r-rikorrent beda x-xogħol tiegħu fil-kariga ta' Direttur fil-Kulleġġ t'Għawdex mis-17 ta' Jannar 2018.

Illi għandu jiġi osservat li r-rikorrent kien impjegat mal-Ministeru t'Għawdex bħala Direttur fuq kuntratt ta' impieg ta' 3 snin li kien jiskada f'Marzu 2018. Kien għalhekk li sakemm kien għadu regolat b'dan il-kuntratt huwa baqa' jgawdi mill-*allowances* fil-grad ta' Direttur, iżda hekk kif skada il-kuntratt huwa r-ritorna għal grad sostantiv[9] u ċioe Grad 6 b'effett mill-20 t'April 2018.[10] Għal kull buon fini għandu jingħad ukoll li lejn l-aħħar tas-sena 2017 ġiet ippubblikata sejħa sabiex jimtela l-post vakanti ta' Direttur (*Projects Development*) fil-Ministeru t'Għawdex iżda jirriżulta mill-atti li din is-sejħa ġiet sospiża.[11]

**L-Azzjoni tar-Rikorrent**.

Illi fis-17 t'Ottubru 2017 ir-rikorrent ippreżenta r-rikors Kostituzzjonali odjern fejn permezz tiegħu qiegħed jilmenta li qiegħed jiġi kastigat u dan meta ma hemm l-ebda sejbien ta' ħtija. Jgħid li s-sospensjoni tmur kontra l-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Jsostni wkoll li s-sospensjoni qed tkompli tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tiegħu u li għalhekk l-azzjoni ta' sospensjoni qiegħda tilledi d-dritt fundamentali tiegħu ai termini tal-Artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropeja u tal-Artikolu 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-Qorti tosserva li għalkemm fil-premessi tiegħu ir-rikorrent jirreferi għall-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropeja,

[5] Paġna 35 tal-proċess.
[6] Paġna 36 tal-proċess.
[7] Paġna 37 tal-proċess.
[8] Paġna 59 tal-proċess.
[9] Xhieda ta' Charmaine Busago mogħtija fis-16 ta' Mejju 2018, paġna 73 tal-proċess.
[10] Paġna 69 tal-proċess.
[11] Paġna 78 tal-proċess.

fit-talbiet l-ebda referenza ma ssir ghal dan l-artikolu u għalhekk il-Qorti mhiex ser tikkunsidrah fid-deliberazzjonijiet tagħha.

**Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni**.

L-Avukat Ġenerali, fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, wara li għamel is-sottomissjonijiet fil-mertu, proprju fl-aħħar paġna tan-nota tiegħu jiċċita l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, u jissottometti finalment illi "... id-deċiżżjonijiet tal-PSC huma protetti bil-Kostituzzjoni....".

Il-Qorti fl-ewwel lok tosserva illi fir-risposta tiegħu għar-rikors promotur l-intimat ma ressaqx tali difiża bħala eċċezzjoni u ma saret l-ebda referenza għal dan l-artikolu. Il-Qorti hi tal-fehma illi strettament sabiex tiddelibera dwar jekk l-Artikolu 115 hux ta' impediment li l-Qorti tiddeċiedi dwar l-ilmenti ta' indoli kostituzzjonali tar-rikorrent, kien jeħtieġ li l-intimat fl-ewwel lok iressaq eċċezzjoni formali f'dan is-sens. Fl-ebda stadju tal-kawża l-intimat ma ressaq tali eċċezzjoni. Din mhiex eċċezzjoni li tista' titressaq wara li l-provi jkunu magħluqa, wara li l-kawża tkun differita għas-sentenza, u wara li r-rikorrent ikun ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu mingħajr opportunita' li jirrispondi għan-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-intimat.

Fi kwalunkwe każ fil-fehma tal-Qorti is-sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali fir-rigward ma hiex fondata.

Kif ġie dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Grace Sacco vs Onorevoli Prim'Ministru et** mogħtija fis-17 ta' Settembru 2013:

"Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ma jezimix lill-Kummissjoni mill-obbligu taghha li tosserva d-dispozizzjonijiet kontenuti fil-Kapitolu IV tal-istess Kostituzzjoni, li jelenka d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma applikabbli ghal kulhadd, sakemm ma jkunux espressament eskluzi fl-istess dispozizzjonijiet li kkreawhom. Ghalhekk fl-operat taghha l-Kummissjoni hi tenuta li tosserva dawn id-drittijiet fundamentali.

[…]

Tenut kont tal-insenjament premess ta' din il-Qorti kien ikun tassew strapp fl-Ordinament Guridiku taghna li kieku kellha din il-Qorti tirritjeni li filwaqt li l-Kummissjoni ma hix ezenti bil-Kostituzzjoni milli tosserva d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu elenkati fil-Kostituzzjoni hija izda ezenti milli tosserva d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem elenkati

fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta meta l-istess drittijiet u libertajiet jirrispekkjaw lil xulxin, ghalkemm mhux b’mod preciz, u meta fl-istess Kap. ma hemm xejn li jindika li l-Kummissjoni hi hekk ezenti.”

Fis-sentenza "**Perit Vincent Galea v. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et"** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar 1985 ġie dikjarat illi "meta trattat fuq id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem fejn [il-Kostituzzjoni] riedet li jkun hemm hemm eccezzjonijiet qalitu kategorikament, b’mod li din il-Qorti semplicement ma tistax taccetta li oltre dak provdut fl-istess Kostituzzjoni fil-Kapitolu IV hawn xi hadd jew xi haga li ghaliha l-istess Kap. seta’ ma sar xejn.”

Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza appena ċitata il-Qorti tqis illi l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ma hux ta' ostakolu sabiex tiddeċiedi il-lanjanzi ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali imressqa mir-rikorrent fir-rigward tal-operat tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

## Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni – Trattament Inuman u Degradanti

Illi permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li bis-sospensjoni mix-xoghol pendenti investigazzjoni ġarrab ksur ta’ dritt fundamentali rigward ħelsien minn trattament inuman u degradanti, hekk kif sanċit permezz tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta li jipprovdu rispettivament is-segwenti:

**Artikolu 3 tal-Konvenzjoni:-**

Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.

**Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni:-**

(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.

Illi mill-ġurisprudenza joħroġ mill-aktar mod ċar illi mhux kull forma ta’ trattament li jista' jitqies kiefer jew li jista' jħalli effett devastanti fuq min jirċevih jikwalifika bħala trattament inuman jew degradanti fit-termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.. Fil-każ **Soering v the United Kingdom (1989),** il-Qorti qalet illi: *“The severity depends on all the circumstances of the case, such as the nature and context of the treatment or punishment, the*

*manner and method of execution."* Fil-kawża **A and others v.United Kingdom** (Appl Nru 3455/05) deċiża fid-19 ta' Frar 2009 il-QEDB kompliet hekk

*"The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see, among other authorities, Kudła v. Poland [GC], no. 30210/96, § 92, ECHR 2000-XI). In considering whether a punishment or treatment was "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object was to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. However, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3"*

Illi pero' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha tal-Qorti Ewropea huma kwalifikati b'din l-eċċezzjoni:

*"In order for a punishment or treatment associated with it to be "inhuman" or "degrading", the suffering or humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (Ramirez Sanchez, cited above, §§ 118-119)".*

Illi għalhekk jidher ċar li l-Qorti Ewropea qed teskludi fi kwalunkwe każ xi sofferenza, angoxxja u biża fost'oħrajn li persuna tista' t'esperjenza b'mod inevitabbli fid-dawl ta' trattament leġittimu. Huwa inevitabbli per eżempju li persuna li ssir taf li qed tiġi nvestigata dwar reat tħossha anzjuża u mbeżża' dwar l-eżitu tal-investigazzjonijiet għax dawn jistgħu jiddeterminaw jekk eventwalment tiġix akkużata jew le dwar l-istess reat u potenzjalment anke misjuba ħatja. Imma l-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll il-Kostituzzjoni tagħna) mhux minn dawn it-tip ta' emozzjonjiet u esperjenzi inevitabbli fiċ-ċirkostanzi ta' trattament leġittimu u skond il-liġi li qed toffri l-protezzjoni tagħha. Il-protezzjoni għad-drittijet fundamentali hija kontra trattament fost affarijiet oħra premeditat, li jikkawża tbatija fiżika u mentali, u trattament intenzjonat u apposta li joħloq biża, twerwir, angoxxa eċċ bil-għan speċifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjità tal-persuna. Fil-fatt il-Qrati tagħna dejjem rritenew li "trattament inuman u degradanti biex jikkwalifika bhala tali jrid ikun ta' natura_gravi, jigifieri li jkun trattament ta' certu piz u severita."[12]

[12] **Joseph Briffa vs Kummissarju tal-Pulizija** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Gunju 1995.

Illi fis-sentenza **Dennis Tanti vs. Ministru tas-Sahha, L-Anzjani u l-Kura fil-Komunita et**, (Rik Nost Nru 60/12) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju 2017[13] saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Kif ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tad-19 ta' Ottubru, 2007, fl-ismijiet **Lawrence Gatt vs L-Onorevoli Prim'Ministru et**:

Definizzjoni tat-terminologija uzata fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, kien inghata mill-Kummissjoni Ewropea fl-hekk imsejha Greek Case. Fir-rapport taghhom ippubblikat fil-5 ta' Novembru, 1969, jinghad a propozitu:

"The notion of inhuman covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable. The word "torture" is often used to describe inhuman treatment, which has a purpose, such as the obtaining of information or confession, or the infliction of punishment, and is generally an aggravated form of inhuman treatment. Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience".

Din id-definizzjoni giet konfermata mill-istess Kummissjoni fir-rapport taghha ppubblikat fil-25 ta' Jannar, 1976, fil-kaz "Ireland vs United Kingdom". F'dan ir-rapport intqal ukoll illi:

"Ill treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in same cases, the sex, age and state of health of the victim."

F'dan il-kuntest, l-awturi **van Dijk u van Hoof,** fil-ktieb "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights**" (3rd Edit. pag. 313) jaghmlu analizi ta' kawza ohra, l-East African Asians Case (irrapportata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Dicembru, 1973). Jinghad hekk mill-awturi fil-kuntest ta' dan il-kaz:

"It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such

[13] Ara wkoll **Tafarra Besabe Berhe vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik Nru 27/2007) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Novembru 2017.

factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on the latter's subjective appreciations and feelings. In the East African Asians Case the Commission did not accept the "subjective" definition that the treatment of a person is degrading in the sense of Article 3 "if it lowers him in rank, position, reputation or character, whether in his own eyes or in the eyes of other people", and argued that - given the general purpose of this provision to prevent interferences with the dignity of man of a particularly serious nature - "**an action which lowers a person in rank, position, reputation or character can only be regarded as "degrading treatment" in the sense of Article 3 where it reaches a certain level of severity**".

Dan l-element ta' gravita jinsab sottolineat ukoll mill-awturi **Jacobs & White**, fil-ktieb "**European Convention on Human Rights**" (3rd Edit. pag. 65) meta jghidu: "The defining feature of degrading treatment is the element of humiliation or debasement; the threshold of severity would appear to require that the humiliation is gross".

Il-htiega li din l-umiljazzjoni tkun wahda gravi giet ennuncjata wkoll mill-Qrati taghna, partikolarment fil-kawza "**Galea vs Segretarju tad-Djar**", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 1977; f'din il-kawza ntqal ukoll li **trattament degradanti jehtieg ukoll li jwassal ghal vjolazzjoni serja ghad-dinjita tal-bniedem**. Dawn il-principji ta' intensita jew severita gew ribaditi mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija", minnha deciza fl-20 ta' Frar, 1979, u fil-kawza "Wilch vs Seg. Parlamentari ghad-Djar et", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1989. **Fil-fatt, jekk wiehed janalizza l-gurisprudenza lokali fejn sabet kaz ta' trattament degradanti, jinduna li l-kazijiet iridu jkunu ta' certu serjeta u gravita**. (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Hekk ukoll f'sentenza aktar recenti ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-14 ta' Gunju, 2016, fl-ismjiet **Anthony Gauci vs Transport Malta et**,[14] inghad:

"Illi biex isehh ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor ... u jidher li llum hu generalment accettat li biex trattament determinat jaqa' taht il-komminazzjonijiet tad-dispozizzjonijiet fuq citati [F'dan il-kaz, jigifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni], jehtieg certu grad ta' gravita [Kost. 20.07.1977 fil-kawza fl-ismijiet Guzeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et (Dec. Kost. II, Gh.S.L., p549)]", li minghajru ma jkunx jista' jinghad li sehh ksur ta' dak il-jedd [Q.E.D.B. 06.10.2015 fil-kawza fl-ismijiet Lecomte vs Germanja (Applik. Nru. 80442/12) §§91-2]. Ghalhekk,

[14] Rik. Kost. Nru. 19.2010 JRM (mhux appellata)

biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn semplici inkonvenjenza jew disagju [Kost. 18.11.1989 fil-kawza fl-ismijiet Testa vs Attard noe et (Kollez. Vol: LXXIII.i.185)];

“llli b’zieda ma’ dan, huwa mizmum ukoll li minhabba li ‘trattament degradanti u inuman’ huma koncetti astratti, biex tassew jista’ jinghad li sehhew iridu “jikkonkretizzaw necessarjament f’xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta’ certa gravita [Kost. 08.05.2001 fil-kawza fl-ismijiet Bonello vs Onor. Prim Ministru et (Kollez. Vol: LXXXV.i.1)] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament halla fuq il-persuna li kienet suggetta ghalih [Kost. 05.04.1991 fil-kawza fl-ismijiet Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et (Kollez. Vol: LXXV.i.106)]. Minbarra dan, jista’ jkun il-kaz li l-qies dwar jekk imgieba partikolari tkunx wahda li ggib ksur tal-imsemmi jedd irid ikun ‘judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time ... It is clear that the answer to the question whether Arlicle 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings" [Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit. 2006), §7.3, f'p412 u 415];

“llli ghal dak li jirrigwarda l-piz tal-prova ta’ ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa’ fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju ragonevoli li tabilhaqq ikun sehh ksur tal-imsemmi artikolu [Q.E.D.B. 13.06.2002 fil-kawza fl-ismijiet Anguelova vs Bulgarija (Applik. Nru. 38361/97) §111]. Irid jinghad li din mhijiex fehma li maghha jaqbel kulhadd [Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'p241-3]. Izda "such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parlies when evidence is being obtained has to be taken into account [Q.E.D.B. 12.04.2005 fil-kawza fl-ismijiet Shamaiev et vs Gorgja u Russja (Applik. Nru. 36378/02) §338]",

“llli l-qies ta’ jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b’riferenza ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkun fil-qafas tieghu, maghduda l-mod ta’ kif jinghata, it-tul tieghu), l-effetti fizici u morali li jhallu fuq il-persuna hekk trattata, u cirkostanzi ohrajn bhas-sess, l-eta u s-sahha tal-vittma. Trattament jitqies bhala inuman meta tal-anqas igib fuq il-vittma tbatija fizika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi griehi li jidhru fuq il-gisem, u jekk "iqajjem f’dak li jkun sentimenti ta’ biza’, angoxxia u sens ta’ inferjorita li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu" [Kost. 31.10.2014 fil-kawza fl-ismijiet Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Habs et]. L-istharrig li trid taghmel il-Qorti dwar jekk it-trattament moghti jiksirx l-

artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut mat-tmien li l-kaz ikun qieghed quddiemha biex tqis l-ilment. [Kost 22.02.2013 fil-kawza fl-ismijiet Dilek Sahan et vs Ministru tal-Gustizzja u l-lntern et]"

Ikkonsidrat:

Applikati dawn il-konsiderazzjonijiet għall-każ in diżamina, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux jipprova illi ġie trattat b'mod inuman u degradanti fit-termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Huwa minnu illi s-sospensjoni mix-xogħol immankabilment toħloq toqol fuq ir-rikorrent mhux biss finanzjarju iżda wkoll psikoloġiku. Pero' dak li minnu kien għaddej ir-rikorrent fiż-żmien li intavola l-kawża odjerna, ma jikwalifikax bħala trattament inuman u degradanti intenzjonalment kommess sabiex ikisser lir-rikorrent fiżikament u psikoloġikament. Għalkemm ir-rikorrent jallega li dan l-episodju kellu effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tiegħu peress li ismu ġie mxandar in konnessjoni mal-investigazzjoni, l-istess rikorrent naqas milli jġib l-iċken prova fir-rigward. Wieħed kien jistenna li fuq tali allegazzjoni ta' lanqas ir-rikorrent iressaq xi prova tax-xandir ta' ismu minnu allegat. Fi kwalunkwe kaz ix-xandir ta' isem f'ċirkostanzi bħal ta' dan il-każ ma jistgħux jitqiesu bħala trattament inuman jew degradanti. Ġie sodisfaċentement ippruvat illi la s-Segretarju Permanenti u lanqas il-Pulizija ma aġixxew kif aġixxew sabiex jagħmlu xi pressjoni illeċita fuq ir-rikorrent. Ir-rikorrent ma jikkontestax li fil-jum li fih ġie sospiż mix-xogħol b'mod prekawzjonarju effetivament kien hemm inkjesta maġisterjali għaddejja proprju fuq l-operat tal-istess rikorrent u ta' uffiċjali oħra. Tant hu hekk illi saru tfittxijiet mhux biss fl-uffiċju dipartimentali tar-rikorrent iżda wkoll fid-dar tiegħu fejn fiż-żewġ postijiet ġew elevati il-komputers li kien juża l-istess rikorrent. Ir-rikorrent jallega li hu ma kienx investigat. Il-provi juru mod iehor.

Fiż-żmien li bdiet l-Inkjesta Maġisterjali fl-operat tad-Dipartiment tal-Proġetti u Toroq f'Għawdex ir-rikorrent kien jokkupa l-ogħla kariga, dik ta' Direttur. Hija xi ftit jew wisq insjegabbli kif ir-rikorrent, għaliex isostni li huwa ma għamel xejn ħażin, jinsisti li kellu jitħalla fil-post minnu okkupat filwaqt li għaddejja inkjesta maġisterjali u investigazzjoni mill-pulizija proprju fuq id-dipartiment li huwa kien imexxi u fuq l-operat tieghu u ta' ohrajn fl-istess dipartiment.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-pretensjoni tar-rikorrent li ġarrab ksur ta' dritt fundamentali rigward ħelsien minn trattament inuman u degradanti, hekk kif sanċit permezz tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-

Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdu rispettivament is-segwenti ma hiex fondata u qed tiġi respinta.

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni – Smigħ Xieraq**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrent qiegħed jilmenta wkoll li ġarrab ksur ta' dritt fundamentali rigward smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdu rispettivament is-segwenti:

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:-**

"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.

(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;
(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;
(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;
(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."

**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni:-**

" (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.

(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta'kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorità ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorità oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.

(4) Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandha timpedixxi lil xi qorti jew xi awtorità bħalma hija msemmija f'dak is-subartikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom –
(a) fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u proċeduri oħra li, fil-prattika tal-Qrati f'Malta jiġu, jew huma tal-istess xorta bħal dawk li jiġu, deċiżi *in camera*;
(b) fi proċeduri skont xi liġi dwar it-taxxa fuq l-*income*; jew
(ċ) safejn il-qorti jew awtorità oħra –
(i) tista' tqis meħtieġ jew espedjenti f'ċirkostanzi li fihom il-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja; jew
(ii) jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, il-ġid ta' persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta'persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri.

(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:

Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.

(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –

(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;

(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;

(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u

(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta'interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża, u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.

(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-persuna akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha għal hekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti.

(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.

(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:

Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.

(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha.

(11) F'dan l-artikolu "rappreżentant legali" tfisser persuna intitolata li teżerċita f'Malta bħala avukat jew, ħlief dwar proċeduri quddiem qorti fejn prokuratur legali ma għandux dritt ta' smigħ, prokuratur legali."

Illi mill-qari tar-rikors promotur u tas-sottomissjonijiet tar-rikorrent jirriżulta li l-ilment tar-rikorrent taħt din il-kappa huwa l-fatt li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tistrieħ biss fuq dak li jipprovdi l-Kap tad-Dipartiment u ma jsirux verifiki min-naħa tal-istess Kummissjoni u mingħajr ma ingħatat opportunità lir-rikorrent sabiex isemma leħnu quddiem il-Kummissjoni qabel ma rrakkomandat lill-Prim Ministru sabiex ir-rikorrent jiġi sospiż mix-xogħol fuq bażi prekawzjonarja. Jirreferi wkoll għal dak li intqal minn Josephine Attard, *Compliance Officer* fi ħdan il-Kummissjoni, fejn fix-xhieda tagħha tat-12 ta' Lulju 2018 għal mistoqsija "x'inhi r-raġuni li ma tħossux il-ħtieġa li tivverifikaw l-informazzjoni li tasal għandkom?", ir-risposta tagħha kienet hekk: "Allaħares, jekk il-Permanent Secretary marbut bir-Regolamenti u jirreferi każ mhux ser jibgħatu għal xejn b'xejn."[15]. Il-Qorti tħoss li huwa utli tikkwota ukoll silta oħra mix-xhieda tal-istess xhud magħdud ftit qabel dak li rrefera għalih ir-rikorrent u eżatt wara, kif ukoll silta oħra li tinstab lejn l-aħħar parti tax-xhieda tal-istess xhud:

"Dr Larry Formosa: Issa x'ħin ġejtu biex tagħmlu l-compliance, intom ma vvertifikajtux il-Ministeru, il-Permanent Secretary ħa nispeċifikaw, il-Permanent Secretary l-informazzjoni li għaddielkom kienetx korretta jew le? Jew intom tistrieħu sempliċiment purament fuq dak li jikkomunika magħkom il-Permanent Secretary?

Xhud: Iva, jekk il-Permanent Secretary jgħidilna li hemm investigazzjoni għaddejja ma naħsibx ser ngħidulu li ma hemmx din l-investigazzjoni.[16]

[15] Paġna 90 tal-proċess.
[16] Paġna 89 tal-proċess.

[...]

Dr Larry Formosa: U jekk jibgħatu għal xejn b’xejn?

Xhud: Dak imbagħad responsabbilita’ tiegħu, tittieħed azzjoni kontra tiegħu.[17]

[...]

Dr Larry Formosa: U da parti tagħkom imbagħad, x’ħin rajt it-talba minn naħa tal-Permanent Secretary, intom x’għamiltu? Rajtu t-talba u awtormatikament mexxejtu r-rakomandazzjoni tagħkom, ikkonfermajtu t-talba?

Xhud: Saret it-talba, jikkonsidraw il-każ u ddeċidew li jtuh is-sospensjoni.

Dr Larry Formosa: Forsi diġa’ staqsejt parti minnha. Jiġifieri għamiltu konsiderazzjoni tal-każ?

Xhud: Il-Kummissjoni iva għamlet konsiderazzjoni tal-każ

Dr Larry Formosa: Konsiderazzjoni x’tagħmlu intom, xi tfisser biha? X’taraw?

Xhud: Skont id-dokumenti li jkollha l-Kummissjoni. Għad irrid niċċekkja.

Dr Larry Formosa: U f’każ li jkun hemm informazzjoni nieqsa x’tagħmlu f’dak il-każ?

Xhud: Qabel ikollha l-informazzjoni kollha mhux ser tasal f’konklużjoni l-Kummissjoni.”[18]

Ir-rikorrent isostni illi d-deċizzjoni li permezz tagħha huwa ġie sospiż mix-xogħol hija leżiva tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni fuq ċitati. Jghid hekk fir-rigward fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu:-

> "10. Illi s-sospensjoni tar-rikorrent saret mingħajr ma ingħata ebda opportunita' sabiex isemma leħnu u dan proprju peress li l-mekkaniżmu provdut bil-liġi ma jagħti ebda fakulta' lill-individwu sabiex jressaq xi

[17] Paġna 90 tal-proċess.
[18] Paġni 92 – 93 tal-proċess.

provi jew inkella jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fi kwalunkwe stadju tas-sospensjoni."[19]

Isostni r-rikorrent illi dan in-nuqqas wassal sabiex il-proċeduri adoperati fil-każ tiegħu jkunu sproporzjonati għal għan immirat li jintlaħaq. Fir-rigward jagħmel referenza għal każ Paluda vs Slovakia (nru 33392/12).

Jeħtieġ għalhekk li l-Qorti teżamina jekk għall-formalitajiet u l-proċedura adoperati mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fil-proċess li jwassal għall-sospensjoni mix-xogħol ta' uffiċjal pubbliku, humiex applikabbli l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Charles Galea vs. Onor Prim Ministru et** (Rik Kost Nru 31/2003) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Novembru 2008 li kkonfermat sentenza tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) mogħtija fit-23 ta' Novembru 2007 fejn kienu saru l-osservazzjonijiet segwenti:-

*"**Determination of an individuals civil rights and obligations***:
Huwa ben risaput, illi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** tigarantixxi d-dritt ghal smiegh xieraq u dana "*in the determination of an individual's civil rights and obligations or of any criminal charge against him*".

In fatti, it-terminologija "*civil rights and obligations*" ghandha sinjifikat indipendenti (*an autonomous meaning*) u dana fl-isfond tal-Konvenzjoni Ewropea stess – **Ringeisen v Austria (16.07.1971).** Barra minn hekk, pero`, bhala regola gie ritenut illi sabiex dan l-Artikolu 6 jkun applikabbli, irid ikun hemm:

**"a right in national law which is capable of being classified by the European Court as 'civil'" – Z and others v the United Kingdom (10.May.2001) u Roche v the United Kingdom (19.10.2005).**

Hekk kif jigi stabbilit li dan id-dritt jezisti fil-ligi nazzjonali, il-pass li jmiss jkun dak illi jigi deciz jekk dak id-dritt huwiex "*a civil right*". In fatti, hemm hafna fatturi li wiehed ghandu x'jikkonsidera sabiex jigi ikkonsiderat li dak id-dritt in ezami huwiex dritt civili u li jaqa' taht il-Konvenzjoni/Kostituzzjoni.

Wiehed ghandu jargumenta fuq dawn il-punti li gejjin sabiex jigi iddeterminat dan id-dritt:

[19] Paġna 106 tal-proċess

i) il-karattur tad-dritt innifsu – milli dak tal-Ligi (**Konig v the Federal Republic of Germany – 28.06.1978);**
ii) kif kien gie deciz f'**Feldbrugge v the Netherlands (29.05.1986 – para 29) – "any uniform European notion as to the nature of the right"**, ghandu jittiehed ukoll fl-ezercizzju ta' dan l-argument; u
iii) F'**Konig v the Federal Republic of Germany,** fejn il-Qorti qalet illi anke jekk il-kuncett tad-drittijiet civili u obbilgazzjonijiet huwa wiehed indipendenti, ***"the legislation of the state concerned is not without importance".*** Il-Qorti kompliet tghid hekk**: "Whether or not a right is to be regarded as civil within the meaning of this expression in the Convention must be determined by reference to the substantive content and effects of the right - and not its legal classification – under the domestic law of the state concerned".**

Ghaldaqstant, pero` l-Konvenzjoni ma tigarantixxix id-dritt ghal smiegh xieraq ghal kull dritt u obbligazzjoni [**Kreuz v Poland – 19 June 2001 u Airey v Ireland – 9 October 1979]** li individwu jista' jargumenta illi ghandu. Kazistika turi illi hemm certu '*disputes*' li ma jikkoncernawx ma' "*the determination of civil rights and obligations*" u b'hekk, kif gie deciz f'dawn il-kawzi, wiehed jirrealizza li mhux kull "*civil right and obligation*" jaqa' taht l-iskop ta' dan l-Artikolu.

F'**Popova v Russia (21.03.2007),** il-Qorti qalet illi: **"The Convention is intended to guarantee not rights that are theoretical or illusory, but rights that are practical and effective".**

Barra minn hekk, f'**Pellegrin v France (8.12.1999)** gie deciz illi: **"...no disputes between administrative authorities and employees who occupy posts involving participation in the exercise of powers conferred by public law attract the application of Artcle 6(1)".**

Decizjoni li hija ta' natura amministrattiva, kif kien il-kaz in ezami, u mhux ta' natura civili jew kriminali, ma tista' qatt taqa' taht Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [**Rose Anne Galea – vs-L-Onorevoli prim Ministru et – 11 ta' April 1995 (Qorti Kostituzzjonali)]**, apparti l-fatt li r-rikorrent ma setghax jargumenta li huwa f'xi stadju qatt kellu '*a civil right*'.

Il-Qorti, fl-isfond ta' dan kollu, ma tista' qatt issib li l-kumpanija MATS, fid-decizjoni amministrattiva taghha, cahdet dan id-dritt lir-rikorrent.

Anke *se mai* r-rikorrent kien soggett ghall-proceduri taht il-Public Service Commission kif qed jargumenta u jallega hu, xorta wahda ma jistax jintqal li qatt kien hemm xi vjolazzjoni ta' dan l-Artikolu ghaliex gie ritenut illi

haddiem fis-servizz pubbliku f'sitwazzjoni bhal din ma jistax jinvoka dan l-Artikolu – ghaliex huwa qatt ma kellu '*a civil claim*'.

In fatti f'**Leander v Sweden (1981)** gie stabbiliti illi:

**"Rights concerning employment in the public sector fall outside the scope of Article 6(1) and indeed have been rejected at the admissibility stage."**

Anke f'**Lombardi v Italy** u **Scuderi v Italy (1993)** il-Qorti qalet illi:

**"Disputes relating to the recruitment, employment and retirement of (civil servants)…are as a general rule outside the scope of Article 6(1)."**

Fil-kawza **Maillard v France (1999)**, il-principju kien illi:

**"Disputes concerning the recruitment, employment, retirement or dismissal of civil servants… would not involve a determination of civil rights and obligations and are therefore excluded from the scope of the application of Article 6(1), although a dispute about the entitlement of a retired public servant to an enhanced pension would fall within the scope of said Article."**

F'dan il-kaz, il-Qorti bhal f'kazijiet ohrajn, qatghet illi: **"disputes concerning the recruitment, employment, retirement or dismissal of civil servants…"** huma eskluzi mill-iskop ta'l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u ghalhekk m'humiex "*a determination of civil rights and obligations*".

Huwa ghalhekk car bizzejjed, illi r-rikorrent ma jistax jargumenta jew jallega illi d-drittijiet u obbligazzjonijiet civili tieghu, f'dan il-kaz, gew mittiefsa u ghalhekk din il-Qorti tirrileva li s-sitwazzjoni tar-rikorrent ma tinkwadrax ruhha f'ebda ipotesi ikkontemplata fl-imsemmija Artikoli 39(1) [recte: 39(2)] u 6 rispettivament."

Illi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fuq is-suġġett kompliet tiżviluppa kif ġie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Grace Sacco vs Onor Prim Ministru** (Rik Kost Nru 76/2010) deċiża fis-17 ta' Settembru 2013:

"**9.** Ghandu qabel xejn jigi rilevat li f'dawn l-ahhar snin il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem evolviet b'rata pjuttost mghaggla fejn si tratta tal-applikabilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-vertenzi li jinqalghu bejn persuni fis-servizz civili u l-Istat li jimpjeghom. Huwa minnu li bis-sentenza taghha fil-kaz **Pellegrin v. France** [ECHR, Grand Chamber, 8/12/1999, #59]**,** salv li ser jinghad ulterjorment aktar tard

dwar din is-sentenza, il-Qorti Ewropeja kienet irribadiet li vertenzi in konnessjoni mar-reklutagg, karrieri u t-terminazzjoni tas-servizz ta' persuni fis-servizz civili kienu bhala regola barra mill-iskop ta' applikabilita` tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

**10.** B'danakollu f'diversi kawzi l-istess Qorti kienet gia` arginat dan il-principju generali b'certi kwalifiki fejn il-pretenzjonijiet tal-individwu kienu ta' natura pekunjarja emanenti mil-ligi wara t-terminazzjoni tal-impieg. F'dawn ic-cirkostanzi, peress li l-iStat ma kienx qieghed jezercita setghat diskrezzjonarji u seta' jigi mxebbah ma' impjegant li kien parti f'kuntratt ta' impieg regolat mid-dritt privat, il-Qorti kienet irriteniet li l-pretenzjonijiet inkwistjoni kienu ta' natura civili fis-sens tal-Artikolu 6(1) [ECHR **Vilho Eskelinen and others v. Finland**, Grand Chamber, 19/4/2007 #43 u s-sentenzi hemm citati]. Kien hemm sitwazzjonijiet varji ohra relatati mal-impieg ta' persuna fis-servizz civili li skont ic-cirkostanzi tal-kaz gew ritenuti li jaqghu jew ma jaqghux taht il-harsien tal-Artikolu 6(1). Hekk gie ritenut li l-Artikolu 6(1) kien japplika fejn il-pretenzjoni kienet tirrigwarda dritt "purament ekonomiku", bhall-hlas ta' salarju, jew dritt "essenzjalment ekonomiku" [Ibid #44-45 u s-sentenzi hemm citati].

**11.** Eventwalment, fil-kaz imsemmi ta' **Pellegrin v. France**, il-Qorti esprimiet il-fehma li s-sitwazzjoni gurisprudenzjali precedenti kienet wahda li tohloq incertezza u kienet tal-fehma li kriterju li jallaccja man-natura tad-doveri ezercitati mill-ufficjal pubbliku koncernat kien wiehed li jippresta ruhu ghal aktar certezza u ghalhekk illimitat l-eskluzjoni tal-applikabilita` tal-Artikolu 6(1) ghal dawk il-karigi fis-servizz civili li kienu jikkomportaw l-ezercizzju ta' doveri li kienu tipici tal-attivitajiet specifici tas-servizz pubbliku inkwantu depozitarju tal-awtorita` pubblika responsabbli ghall-harsien tal-interessi generali tal-iStat jew ta' awtoritajiet pubblici ohra u inkwantu tali jezercitaw parti mis-setgha sovrana tal-iStat. F'dawn ic-cirkostanzi l-iStat ghandu interess legittimu li jesigi minn dawn l-impjegati pubblici rabta specjali ta' fiducja u lealta` waqt li fil-kaz ta' impiegi pubblici ohra, fejn ma jezistix dan l-aspett ta' "amministrazzjoni pubblika", tali interess jigi nieqes [ECHR **Pellegrin v. France**, 8/12/1999. #65]. Ghalhekk, dak li tqis determinanti ma kienx in-natura tal-kontestazzjoni izda n-natura tal-pozizzjoni okkupata mill-individwu involut fil-kontestazzjoni [Vilha Eskelinen, supra, #54].

**12.** Aktar ricenti, fis-sentenza **Eskelinen and others v. Finland** [Vide supra] l-applikabilita` tal-Artikolu 6(1) gie ulterjorment estiz billi gie ritenut li l-fatt biss li l-applikant ikun qieghed f'settur jew dipartiment li jippartecipa fl-ezercizzju tas-setgha vestita bid-dritt pubbliku ma kienx wahdu deciziv tal-kwistjoni tal-applikabilita` tal-Artikolu 6(1); spetta wkoll lill-iStat li juri li l-

materja in kontestazzjoni hija relatata mal-ezercizzju tas-setgha tal-iStat jew tkun tincidi fuq ir-rabta specjali ta' fiducja u lealta`.

**13.** Fid-dawl tal-premess, ghalhekk, jekk il-kariga inkwistjoni ma tkunx wahda li tikkomporta l-ezercizzju ta' doveri li huma tipici tal-attivitajiet specifici tas-servizz pubbliku inkwantu depozitarju tal-awtorita` pubblika responsabbli ghall-harsien tal-interessi generali tal-iStat jew ta' awtoritajiet pubblici ohra u inkwantu tali jezercitaw parti mis-setgha sovrana tal-iStat, l-Artikolu 6(1) jkun applikabbli. Jekk il-kariga inkwistjoni tkun wahda li tikkomporta l-ezercizzju tad-doveri fuq imsemmija dan ma hux deciziv tan-nuqqas ta' applikabilita` tal-Artikolu 6(1) ghaliex ikun ghad jispetta wkoll lill-iStat li juri li l-materja in kontestazzjoni hija relatata mal-ezercizzju tas-setgha tal-iStat jew tkun tincidi fuq ir-rabta specjali ta' fiducja u lealta`."

Ikkunsidrat;

Fiż-żmien rilevanti r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' Direttur (Proġetti u Żvilupp) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia mogħtija fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2017 fil-kors tal-ġbir tal-provi rilevanti għat-talba tar-rikorrent għal ħruġ ta' miżura interim, illi kien hemm għaddejja Inkjesta Maġisterjali u "minħabba li hemm Inkjesta għaddejja jien ma nistax ngħati dettalji rigward l-investigazzjonijiet li qed isiru." Hija spjegat li essenzjalment ma kienux qed jiġu investigati persuni speċifiċi iżda "l-operat in generali" tad-dipartiment fejn kien jaħdem ir-rikorrent.

Fl-istess udjenza xhed **John Borg, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.** Huwa spjega illi:-

> "Fis-27 ta' Lulju li ghadda gew xi pulizija fl-ufficju tieghi qaluli li qed issir investigazzjoni fuq id-Dipartiment tal-Progetti fejn qed jinvestigaw xi irregolarijiet li kien hemm f'xi tenders ta' toroq. Hemm staqsewni biex jigu l-ufficjali li ghandhom x'jaqsmu ma' tenders jew xi haga hekk. Gew identifikati d-Direttur, is-Sur Formosa u zewg ufficjali ohra. Dawn gew fl-ufficcju fuq talba tal-pulizija u l-pulizija qalulhom biex isiru investigazzjonijiet fuqhom, fuq id-dipartiment u xtaqu jkellmuhom u li hemm enquiry tal-Magistrat ghaddeja li biha ha jfittxu fl-ufficcju u fid-djar taghhom. U kellmuhom dak il-hin u tawhom xi dettalji li kellhom lil pulizija.
>
> Dr Maurizio Cordina: Jigifieri qed jinvestigaw lil tliet persuni?"
>
> [...]

"Xhud: Huma qalu li qed jinvestigaw lid-Dipartiment u talbuni minn huma n-nies. Ghedtilhom id-Direttur huwa s-Sur Formosa. Qaluli min huwa l-Perit inkarigat mit-toroq, ghedtilhom min hu l-Perit u mbaghad staqsewni ghall-ufficjal iehor li jahdem close mas-Sur Formosa jigifieri.

Dr Maurizio Cordina: Is-segretarja jigifieri.

Qorti: Ok u l-Perit min hu please?

Xhud: Il-Perit Anglu Portelli u s-segretarja Michelle Scerri.

Dr Maurizio Cordina: Issa abbazi ta’ dak li qalulek il-pulizija inti hadt xi passi?

Xhud: Jiena mbaghad hadt pariri interni u dan u hrigna s-sopenzjoni prekawzjonarja jiena ktibtilhom dakinhar stess.

Dr Maurizio Cordina: Spjega x’inhi l-procedura, x’ghamilt int?

Xhud: Mela skont ir-regolament 13/4 jiena ktibtilhom lit-tliet ufficjali illi qed nissospendihom sakemm din tmur quddiem il-PSC. Jien imbaghad ktibt dakinhar stess skont ir-regolament 13/3 fejn ghedtilhom li qed nissospendihom b’mod prekawzjonarju sakemm jiddeciedi l-PSC li mbaghad jaghtu r-recomendation taghhom lil ufficju tal-Prim Ministru u mbaghad fil-kaz tas-Sur Formosa fil-21 ta’ Marzu harget l-approval mill-OPM li jkunu sospizi b’mod prekawzjonarju u jiena f’dak l-istat nieqaf hemmhekk.

Dr Maurizio Cordina: Jigifieri l-PSC laqghu r-rakkomandazzjoni tieghek?

Xhud: Intlaqghet ir-rakkomandazzjoni.

Dr Maurizio Cordina: Issa s-Sur Formosa minn dakinhar ’l hawn x’qed jaghmel?

Xhud: Awtomatikament jigi sospiz on half pay."

Eżaminati l-provi mressqa il-Qorti hi tal-fehma illi fiż-żmien li ġie sospiż b'mod prekawzjonarju, ir-rikorrent kien qed imexxi dipartiment li jipparteċipa direttament fl-ezercizzju tas-setgħa vestita bid-dritt pubbliku u li l-materja in

kontestazzjoni hija relatata mal-ezercizzju tas-setgha tal-iStat u tinċidi fuq ir-rabta speċjali ta' fiduċja u lealta`.

Huwa wkoll evidenti illi bis-sospensjoni prekawzjonarja li minnha qed jilmenta r-rikorrent ma ġew deċizi definittivament l-ebda drittijiet ċivili tiegħu.

Jirriżulta, u mhux kontestat mir-rikorrent, illi s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex mexa skond ir-**Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (**Ligi Sussidjarja Kost. 03) li inter alia jipprovdu kif ġej:-

**Regolament 12.**

"(1) Meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal pubbliku li jkun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu -

(a) jista' jkun ikkommetta reat dixxiplinari serju; jew

(b) hi meħtieġa aktar investigazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk hux il-każ li jinbdew proċedimenti dixxiplinari jew kriminali; jew

(ċ) ser jinġieb quddiem il-qorti jew qed jiġi investigat jew ġie arrestat mill-pulizija b'konnessjoni ma' reat kriminali,

u l-Kap ta' Dipartiment jidhirlu li hu meħtieġ u li jkun fl-interess pubbliku li l-uffiċjal jiġi sospiż mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, huwa għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni għas-sospensjoni prekawzjonarja tal-uffiċjal, filwaqt li jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni li jkun ħa.

(2) Il-Kummissjoni għandha tqis id-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment u għandha tirrakkomanda lill-Prim Ministru jekk l-uffiċjal għandux jiġi sospiż għal għanijiet prekawzjonarji jew le.

(3) Il-Kap ta' Dipartiment jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, għal għanijiet prekawzjonarji, sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

(4) Fil-każ li t-talba għas-sospensjoni ma tiġix awtorizzata mill-Kummissjoni, l-uffiċjal sospiż għandu minnufih jerġa' jissejjaħ lura għax-xogħol u għandu jingħata lura dak is-salarju li jkun inżamm matul il-perjodu tas-sospensjoni prekawzjonarja.

(5) Uffiċjal pubbliku li jiġi sospiż għal għanijiet prekawzjonarji għandu jirċievi nofs is-salarju tiegħu kemm-il darba l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kap tas-Servizz Pubbliku, ma tapprovax li huwa jirċievi proporzjon ogħla tas-salarju.

(6) Jekk il-proċedimenti dixxiplinari jew kriminali ma jwasslux għat-tkeċċija tal-uffiċjal, jew għal kwalunkwe piena oħra, l-uffiċjal ikollu l-jedd għall-ammont sħiħ ta' salarju li mod ieħor kien jirċievi li kieku ma kienx ġie sospiż għal għanijiet prekawzjonarji. Jekk il-kastig ikun xort'oħra, u mhux tkeċċija, huwa jista' jingħata lura dak il-proporzjon mis-salarju li jkun inżamm bħala riżultat tas-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu kif rakkomandat mill-Kummissjoni. Jekk il-kastig ikun tkeċċija, l-uffiċjal għandu jitlef is-salarju li jkun inżamm minħabba fis-sospensjoni prekawzjonarja tiegħu. "

Ir-rikorrent ġie sospiż b'mod prekawzjonarju fis-27 ta' Lulju 2017. L-ittra ta' sospensjoni iffirmata mis-Segretarju Permanenti taqra kif ġej:-

> "**SOSPENSJONI SAKEMM TIGI APPROVATA S-SOSPENSJONI PREKAWZJONARJA.**
>
> Ninsab infurmat illi inti qed tigi investigat mill-Pulizija.
>
> Skond ma jipprovdi r-Regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina jien qed nissospendik mill-ezerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħek b'effett mil-lum 27 ta' Lulju 2017 sakemm tiġi approvata s-sospensjoni prekawzjonarja tiegħek.
>
> Matul il-perjodu tas-sospensjoni tiegħek inti għandek tirċievi nofs is-salarju tiegħek. F'każ li s-sospensjoni prekawzjonarja tiegħek ma tiġix awtorizzata inti terġa tissejjaħ lura għax-xogħol u tingħata lura s-salarju li jkun nżammlek matul il-perjodu tas-sospensjoni tiegħek."

Fit-3 ta' Awissu 2017 il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku irrakkomandat lill-Prim Ministru sabiex "Mr Mark Formosa (ID 327891M), Director (Projects and Development), Ministry for Gozo, be suspended for precautionary purposes from the powers and functions of his office."

Is-sospensjoni prekawzjonarja ġiet approvata mill-Prim' Ministru fil-21 ta' Awissu 2017.

L-Inkjesta Maġisterjali għada pendenti u r-rikorrent ma tressaqx il-Qorti. F'Diċembru 2017, erba' xhur wara li s-sospensjoni prekawzjonarja ġiet approvata mill-Prim' Ministru, il-PSC ikkomunikat mas-Segretarju Permanenti sabiex ir-rikorrent ikun jista' jerġa jibda jaħdem f'Ministeru/dipartiment differenti minn dak li kien qed jiġi indagat. Għalhekk is-sospensjoni prekawzjonarja tneħħiet u r-rikorrent beda jaħdem fil-Gozo College b'effett minn Jannar 2018 filwaqt li l-PSC irrizervat il-posizzjoni tagħha għall-eventwalita' li r-rikorrent jitressaq 'il Qorti. Peress li l-kuntratt ta' Direttur li kellu r-rikorrent skada, huwa waqa' għas-*substantive grade* tiegħu mas-servizz pubbliku, dak ta' Grade 6.

Fl-ebda stadju tal-proċedura adoperata mis-Segretarju Permanenti u mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku ma ġie deċiż jew meqjus li r-rikorrent huwa ħati ta' xi reat. Tant hu hekk illi kienet l-istess Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li meta irriżultalha li l-inkjesta maġisterjali kienet għadha pendenti iżda r-rikorrent ma tressaqx, iddeċidiet li r-rikorrent jiddaħħal lura għax-xogħol iżda f'dipartment governattiv ieħor. Dan kollu sar bis-saħħa tar-Regolamenti li dwarhom ir-rikorrent ressaq l-ilment kostituzzjonali.

Ir-rikorrent jilmenta illi r-Regolamenti in dizamina ma jagħtux id-dritt lil min ikun ser jiġi sospiż b'mod prekawzjonarju milli jinstema. Tali allegazzjoni għandha mill-kontradittorju. Jekk għaddejja inkjesta maġisterjali proprju fuq l-operat tal-istess rikorrent bħala kap ta' dipartiment governattiv, ikun proċeduralment skorrett li l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku iżżomm seduta mar-rikorrent sabiex jiskolpa ruħu. Il-Qorti tinnota illi għalkemm ir-rikorrent għamel emfasi kbira li huwa leżiv tad-dritt fundamentali tiegħu li ma nstemax mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, ma jagħti l-ebda spjegazzjoni x'informazzjoni kien ser jgħaddilha li setgħat twassal għal miżura differenti.

Illi r-rikorrent jirreferi wkoll għal fatt li ġie vjolat il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza u dan billi ġie sospiż mix-xogħol tiegħu meta ma hemm l-ebda akkużi fil-konfront tiegħu. Min-naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali jiddefendi s-sospensjoni billi jispeċifika li l-jedd ta' smigħ xieraq huwa applikabbli biss '(i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni'.[20] Ikompli jispjega li l-ilment tar-rikorrenti ma jaqa' taħt l-ebda minn dawn iċ-ċirkostanzi u li l-artikoli ta' smigħ xieraq ma

[20] Paġna 112 tal-proċess.

japplikawx għaliex ir-rikorrent m'huwiex akkużat b'xi reat kriminali u lanqas hemm pendenti proċeduri quddiem xi Qorti jew Tribunal.

Il-Qorti tikkonkludi illi r-Regolamenti 13 et. seq. tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma humiex lesivi tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kif protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u għalhekk tirrespinġi tali pretensjoni bħala infondata.

**Artikolu 7 tal-Konvenzjoni**

Illi nonostante li fir-rikors promotur ir-rikorrent jitlob lil din il-Qorti sabiex issib ksur tad-drittijiet tiegħu sanċiti taħt l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, huwa jonqos milli jispjega kif dan l-artikolu ġie leż. Għal kull buon fini l-Qorti sejra tirriproduċi dan l-artikolu hawn taħt:

(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.

(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati.

Huwa evidenti illi l-Artikolu 7 bl-ebda mod ma hu applikabbli għal każ odjern.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat;

2. Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**